Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,990, 15 ta' Settembru, 2000
Taqsima B

A.L. 172 ta' l-2000

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2000 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1999 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) - B.Ed. (Hons)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2000 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1999 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) - B.Ed. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1999 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) - B.Ed. (Hons) - ippubblikati bħala Avviż Legali 103 ta' l-1999, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2000 jew wara.

Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

3. Is-sotto-paragrafu (ċ) li ġej għandu jidħol wara s-sotto-paragrafu (b) tal-paragrafu (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali:

"(ċ) Dawn l-għażliet ta' suġġetti minn Grupp A normalment ma jkunux offruti:

- l-Arti u l-Franċiz;
- l-Ingliż u l-Istudji tal-Mużika;
- Il-Ġeografija u jew il-Malti jew l-Edukazzjoni Fiżika jew it-Tagħlim Reliġuż;
- Il-Ġermaniż u jew l-Istorja jew il-Personal and Social Education;
- l-Istorja u l-Personal and Social Education;
- il-Home Economics u t-Taljan."